MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 195/2010

**A B bhala l-mandatarja ta' binha l-assenti C B**

**-vs-**

**Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tal-5 ta' Awissu 2010 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' A B bhala mandatarja ta' binha assenti C B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu hawn Malta u dana skond l-Att taz-Zwieg hawn mehmuz u mmarkat Dok. 'SC1';

Illi z-zwieg taghhom jew min minnhom kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, kif ukoll il-kunsens inkiseb mill-kontendenti jew min minnhom bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg u dana hekk kif se jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-imsemmi zwieg ghalhekk huwa vvizzjat a tenur tal-Artiklu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, iz-zwieg bejn il-kontendenti;

Tordna li din in-nullita’ tigi rregistrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat id-digriet tal-5 ta’ Ottubru 2010, li permezz tieghu gew nominati Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar biex jirraprezentaw lill-assenti D.

Rat l-affidavit prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza ltaqghu f’Taiwan fis-sena 2003. Ir-ragel huwa Malti u l-mara Indonezjana. Zviluppat relazzjoni bejniethom u ghexu flimkien sas-sena 2005 meta l-mara tkecciet minn dak il-pajjiz u kellha tmur lura lejn pajjizha. Wara hafna sitwazzjonijiet problematici dwar permessi u visa, irrizulta illi l-mara setghet tithalla tghix fit-Taiwan, fejn ir-ragel kellu impjieg, biss jekk tkun

mizzewga ma' persuna li kellha jedd tghix hemm, jedd dan li kien igawdi r-ragel.

Ic-cirkostanza tal-permessi u visa flimkien mac-cirkostanzi l-ohra ta' natura finanzjarji, fejn jirrizulta illi l-istess mara dejjem ikkunsidrat lir-ragel biss bhala sors ta' finanzjament facli, jwasslu lil din il-Qorti biex minghajr dubju tqis lil dan iz-zwieg bhala wiehed purament ta' konvenjenza.

F'materja ta' simulazzjoni fi zwieg ta' konvenjenza, dawn il-Qrati jirritjenu illi:

"*Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament*" ("**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-16 ta' Jannar, 1998).

Fil-kawza "**Pauline Ahmed nee' Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed**" (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Marzu, 2000), il-Qorti ccitat lil Francesco Bersani "*Il Diritto Canonico Matrimoniale*" li spjega hekk il-principju li, ghalkemm fil-kuntest ta' dritt kanoniku, jghodd ukoll fil-kuntest tal-ligi civili ta' Malta.

"*Chi ad esempio intende un fini estrinsinco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matriminio, che per lui e' una pura formalita' vuoto e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rita vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matriminio, si sposa unicamente ad esclusivamente per un fine estrinsico, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare*

*servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc…… L'esclusione del matrimonio si puo' verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione di timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerrezza e malizia, il matrimonio simulato per raggungere altri fini intesi con volonta' prevalente, come potrebbero essere i miraggi di un vantaggio economico.*"

Fid-dawl ta' dawn il-principji, il-Qorti ssib li t-talba tal-attur pruvata ghandha tigi milqugha.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' t-talbiet tal-attur;

2. Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-14 ta' Frar 2009 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jinqasmu mill-partijiet b'mod ugwali b'dana illi provvisorjament l-ispejjez relatati mal-kuraturi jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------